SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

15 ta' April 2021 *

[Test rettifikat permezz ta' digriet tat-12 ta' Mejju 2021]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment – Regolament (KE) Nru 4/2009 – Kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* – Artikolu 75 – Deċiżjonijiet mogħtija minn qorti ta' Stat Membru qabel l-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea"

Fil-Kawża C-729/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Court of Appeal in Northern Ireland (il-Qorti tal-Appell tal-Irlanda ta' Fuq, ir-Renju Unit), permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' Settembru 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-2 ta' Ottubru 2019, fil-proċedura

TKF

vs

Department of Justice for Northern Ireland,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn A. Prechal, Presidenta tal-Awla, N. Wahl, F. Biltgen, L. S. Rossi (Relatriċi) u J. Passer, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Hogan,

Reġistratur: C. Strömholm, Amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-14 ta' Ottubru 2020,

wara li rat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– [kif rettifikat permezz ta' digriet tat-12 ta' Mejju 2021] għal TKF, minn R. Lavery, QC, C. McGarrity, solicitor u M. McGowan, barrister,

– [kif rettifikat permezz ta' digriet tat-12 ta' Mejju 2021] għad-Department of Justice for Northern Ireland, minn K. Brown, bħala aġent, assistit minn T. McGleenan, QC, u L. McMahon, barrister,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

– [kif rettifikat permezz ta' digriet tat-12 ta' Mejju 2021] għall-Gvern Pollakk, minn S. Żyrek, bħala aġenta,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Wilderspin, bħala aġent,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2020,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 75 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment (ĠU 2009, L 7, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2011, L 131, p. 26, fil-ĠU 2013, L 8, p. 19, u fil-ĠU 2013, L 281, p. 29).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn TKF, ċittadin Pollakk, u d-Department of Justice for Northern Ireland (id-Dipartiment tal-Ġustizzja għall-Irlanda ta' Fuq), bħala awtorità ċentrali inkarigata li tissodisfa l-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-regolament, dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni, fir-Renju Unit, ta' deċiżjonijiet f'materji relatati mal-obbligi ta' manteniment mogħtija fil-Polonja qabel l-adeżjoni ta' dan l-aħħar Stat mal-Unjoni Ewropea.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Ir-Regolament Nru 44/2001

3 L-Artikolu 66 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42.), li jinsab fil-Kapitolu VI ta' dan ir-regolament, intitolat "Disposizzjonijiet transitorji", jipprovdi:

"1. Dan ir-Regolament għandu japplika biss għal proċedimenti legali istitwiti u għal dokumenti formalment imħejjija jew irreġistrati bħala strumenti awtentiċi wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

2. B'dana kollu, jekk il-proċedimenti fl-Istat Membru ta' l-oriġini infetħu qabel id-dħul b'effett ta' dan ir-Regolament, sentenz[i] mogħtija wara dik id-data għandhom ikunu rikonoxxuti u eżegwibbli skond il-Kapitolu III,

(a) jekk il-proċedimenti fl-Istat Membru ta' l-oriġini infetħu wara d-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni ta' Brussel [dwar il-Ġurisdizzjoni u Eżekuzzjoni tas-Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata fi Brussell fis-27 ta' Settembru 1968 (ĠU 1972, L 299, p. 32)] jew il-Konvenzjoni ta' Lugano [dwar il-Ġurisdizzjoni u l-Eżekuzzjoni tas-Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f'Lugano fis-16 ta' Settembru 1988 (ĠU 1988, L 319, p. 9)], kemm fl-Istat Membru ta' l-oriġini u fl-Istat Membru indirizzat;

(b) fil-każi l-oħra kollha, jekk il-ġurisdizzjoni kienet ibbażata fuq ir-regoli li kienu mogħtija ma' dawk li hemm disposizzjoni dwarhom jew f'Kapitolu II jew f'konvenzjoni konkluża bejn l-Istat Membru ta' l-oriġini u l-Istat Membru indirizzat li kienet tapplika meta nfetħu l-proċedimenti."

Ir-Regolament Nru 4/2009

4 Il-premessi 31, 44 u 47 tar-Regolament Nru 4/2009 huma fformulati kif ġej:

"(31) Sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru transkonfinali ta' manteniment, għandha tiġi stabbilita sistema ta' kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Ċentrali maħtura mill-Istati Membri. Huma għandhom jgħinu lill-krediturі u lid-debituri ta' manteniment biex jasserixxu d-drittijiet tagħhom fi Stat Membru ieħor billi jippreżentaw talbiet għar-rikonoxximent, dikjarazzjoni dwar l-eżekutorjetà u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet li diġà jeżistu, l-emendar ta' tali deċiżjonijiet jew biex tingħata deċiżjoni. Huma għandhom jiskambjaw ukoll informazzjoni sabiex isibu d-debituri u l-krediturі, u jidentifikaw id-dħul u l-assi tagħhom kif meħtieġ. Finalment, huma għandhom jikkooperaw ukoll ma' xulxin permezz tal-iskambju ta' informazzjoni ġenerali u jippromwovu l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri tagħhom.

[…]

(44) Dan ir-Regolament għandu jemenda r-[Regolament Nru 44/2001] billi jissostitwixxi d-dispożizzjonijiet li japplikaw fil-qasam ta' obbligi ta' manteniment. Soġġett għad-dispożizzjonijiet tranżitorji ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom, fil-qasam tal-obbligi ta' manteniment, japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar il-kompetenza, ir-rikonoxximent, eżekutorjetà u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-għajnuna ġudizzjarja minflok dawk tar-[Regolament Nru 44/2001] mid-data ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

[…]

(47) B'mod konformi mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ir-Renju Unit ma huwiex qiegħed jipparteċipa fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhuwiex marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu. Dan huwa madankollu mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li għandu r-Renju Unit li jinnotifika l-intenzjoni tiegħu li jaċċetta dan ir-Regolament wara li jiġi adottat skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll imsemmi."

5 L-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 4/2009, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni", fil-paragrafu 2 tiegħu jipprevedi:

"F'dan ir-Regolament, 'Stat Membru' għandha tfisser l-Istati Membri kollha li għalihom japplika dan ir-Regolament."

6 L-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament, intitolat "Definizzjonijiet", fil-paragrafu 1 tiegħu jipprevedi:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

1) 'deċiżjoni': għandha tfisser deċiżjoni fi kwistjonijiet relatati ma' obbligi ta' manteniment mogħtija minn ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, tkun xi tkun id-denomenazzjoni, jiġifieri digriet, ordni, sentenza jew mandat ta' eżekuzzjoni, kif ukoll id-deċiżjoni minn uffiċjal tal-qorti li tiddetermina l-infiq jew l-ispejjeż. Għall-finijiet tal-Kapitoli VII u VIII, 'deċiżjoni' għandha tfisser ukoll deċiżjoni fi kwistjonijiet relatati ma' obbligi ta' manteniment mogħtija fi Stat terz;

[…]

4) ‘Stat Membru tal-oriġini’: għandha tfisser l-Istat Membru fejn […] ingħatat id-deċiżjoni […];

5) ‘Stat Membru tal-eżekuzzjoni’: għandha tfisser l-Istat Membru li fih [hija] mfittxija l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni […];

6) ‘Stat Membru rikjedenti’: għandha tfisser l-Istat Membru li l-Awtorità Ċentrali tiegħu tagħmel applikazzjoni skont il-Kapitolu VII;

7) ‘Stat Membru rikjest’: għandha tfisser l-Istat Membru li l-Awtorità Ċentrali tiegħu tirċievi applikazzjoni skont il-Kapitolu VIII;

[…]”

7 Il-Kapitolu IV tal-imsemmi regolament, intitolat “Rikonoxximent, eżekutorjetà u eżekuzzjoni ta’ deċiżjonijiet”, huwa maqsum fi tliet taqsimiet. Skont l-Artikolu 16 ta’ dan ir-regolament, it-Taqsima 1, li tinkludi l-Artikoli 17 sa 22 ta’ dan ir-regolament, tapplika għal deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru marbut bil-Protokoll ta’ Den Haag tat-23 ta’ Novembru 2007 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi ta’ Manteniment (iktar ’il quddiem “il-Protokoll ta’ Den Haag”). It-Taqsima 2, li tinkludi l-Artikoli 23 sa 38 tal-imsemmi regolament, tapplika għal deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru mhux marbut b’dan il-Protokoll. It-Taqsima 3, li tinkludi l-Artikoli 39 sa 43 ta’ dan ir-regolament, fiha dispożizzjonijiet komuni għad-deċiżjonijiet kollha.

8 Skont l-Artikolu 23(1) tal-istess regolament:

“Deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru mhux marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 għandha tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri l-oħra mingħajr il-ħtieġa ta’ ebda proċedura speċjali.”

9 L-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 4/2009, intitolat “Raġuni għal ċaħda ta’ rikonoxximent”, jipprovdi:

“Deċiżjoni m’għandhiex tiġi rikonoxxuta jekk:

(a) ir-rikonoxximent ikun imur manifestament kontra l-ordni pubbliku tal-Istat Membru li fih ġie mfittex ir-rikonoxximent. It-test ta’ l-ordni pubbliku ma jistax jiġi applikat għar-regoli dwar il-ġurisdizzjoni;

(b) l-att li jagħti bidu għall-proċedimenti jew att ekwivalenti ma kienx ġie notifikat lill-konvenut fi żmien suffiċjenti u b’tali mod li dan ikun seta’ jħejji d-difiża tiegħu, sakemm ma jkunx naqas milli jappella kontra s-sentenza sakemm seta’ jagħmel dan;

[…]”

10 L-Artikolu 26 ta’ dan ir-regolament, intitolat “Eżekutorjetà”, huwa fformulat kif ġej:

“Deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru li mhux marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 u li hija eżegwibbli f’dak l-Istat Membru għandha tkun eżegwibbli fi Stat Membru ieħor meta, mal-applikazzjoni ta’ kwalunkwe parti interessata, tkun ġiet iddikjarata eżegwibbli hemmhekk.”

11 Il-Kapitolu VII tar-Regolament Nru 4/2009 jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali. Dawn id-dispożizzjonijiet jinsabu fl-Artikoli 49 sa 63 ta’ dan ir-regolament.

12 L-Artikolu 51(1) tal-istess regolament jipprovdi:

"1. L-awtoritajiet ċentrali għandhom jipprovdu assistenza rigward l-applikazzjonijiet skont l-Artikolu 56. B'mod partikolari huma għandhom:

(a) jittrasmettu u jirċievu tali applikazzjonijiet;

(b) jibdew jew jiffaċilitaw l-istituzzjoni ta' proċedimenti fir-rigward ta' tali applikazzjonijiet."

13 L-Artikolu 55 tar-Regolament Nru 4/2009, intitolat "Applikazzjoni permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali", jipprovdi:

"Applikazzjoni skont dan il-Kapitolu għandha ssir permezz tal-Awtorità Ċentrali tal-Istat Membru fejn l-applikant hu resident lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat Membru rikjest."

14 Skont l-Artikolu 56(1) u (2) ta' dan ir-regolament:

"1. Kreditur li jipprova jirkupra manteniment skont dan ir-Regolament jista' jagħmel l-applikazzjonijiet li ġejjin:

(a) ir-rikonoxximent jew ir-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà ta' deċiżjoni;

(b) l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni mogħtija jew rikonoxxuta fl-Istat Membru rikjest;

(ċ) l-istabbiliment ta' deċiżjoni fl-Istat Membru rikjest fejn ma teżisti l-ebda deċiżjoni, inkluż fejn meħtieġ, l-istabbiliment tal-parentela;

(d) l-istabbiliment ta' deċiżjoni fl-Istat Membru rikjest fejn ir-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni tal-eżekutorjetà ta' deċiżjoni mogħtija fi Stat li mhux l-Istat Membru rikjest mhumiex possibbli;

(e) il-modifika ta' deċiżjoni mogħtija fl-Istat Membru rikjest;

(f) il-modifika ta' deċiżjoni mogħtija fi Stat li mhux l-Istat Membru rikjest;

2. Debitur li kontrih hemm deċiżjoni ta' manteniment eżistenti jista' jagħmel l-applikazzjonijiet li ġejjin:

(a) ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni li twassal għas-sospensjoni jew li tillimita l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni preċedenti fl-Istat Membru rikjest;

(b) il-modifika ta' deċiżjoni mogħtija fl-Istat Membru rikjest;

(ċ) il-modifika ta' deċiżjoni mogħtija fi Stat li mhux l-Istat Membru rikjest[.]"

15 L-Artikolu 75 tal-imsemmi regolament, intitolat "Dispożizzjonijiet transitorji" u li jagħmel parti mill-Kapitolu IX tiegħu, intitolat "Dispożizzjonijiet ġenerali u finali", jipprovdi:

"1. Dan ir-Regolament għandu japplika biss għal proċedimenti istitwiti, transazzjonijiet ġudizzjarji approvati jew konklużi, u għal strumenti awtentiċi stabbiliti mid-data ta' applikazzjoni tiegħu, soġġett għall-paragrafi 2 u 3.

2. It-Taqsimiet 2 u 3 tal-Kapitolu IV għandhom japplikaw:

(a) għad-deċiżjonijiet mogħtija fl-Istati Membri qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament li r-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni dwar l-eżekutorjetà għalihom jintalbu minn dik id-data;

(b) għad-deċiżjonijiet mogħtija mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament b'segwitu għal proċeduri mibdijin qabel dik id-data,

safejn dawk id-deċiżjonijiet jaqgħu, għall-finijiet tar-rikonoxximent u tal-eżekuzzjoni, fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 44/2001.

[…]

3. Il-Kapitolu VII dwar il-kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Ċentrali għandu japplika għat-talbiet u l-applikazzjonijiet li tirċievi l-Awtorità Ċentrali mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament."

16 L-Artikolu 76 tal-istess regolament, intitolat "Dħul fis-seħħ", huwa fformulat kif ġej:

"Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikoli 2(2), 47(3), 71, 72 u 73 għandhom japplikaw mit-18 ta' Settembru 2010.

Dan ir-Regolament għandu japplika, ħlief għad-dispożizzjonijiet imsemmijin fit-tieni subparagrafu, mit-18 ta' Ġunju 2011, dment li f'dik id-data l-Protokoll tal-Aja tal-2007 jkun applikabbli fil-Komunità. Fin-nuqqas ta' dak, dan ir-Regolament għandu japplika mid-data tal-applikazzjoni fil-Komunità tal-imsemmi Protokoll.

[…]"

Id-Deċiżjoni 2009/451/KE

17 Skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/451/KE tat-8 ta' Ġunju 2009 dwar l-intenzjoni tar-Renju Unit biex [j]aċċetta ir-[Regolament Nru 4/2009] (ĠU 2009, L 149, p. 73), dak ir-regolament daħal fis-seħħ fir-Renju Unit fl-1 ta' Lulju 2009.

Id-Deċiżjoni 2009/941/KE

18 Skont l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/941/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Protokoll tal-Aja tat-23 ta' Novembru 2007 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi ta' Manteniment (ĠU 2009, L 331, p. 17), ir-regoli ta' dan il-protokoll ġew applikati provviżorjament fl-Unjoni mit-18 ta' Ġunju 2011.

Id-dritt tar-Renju Unit

19 Ir-Regolament Nru 4/2009 ġie implimentat fir-Renju Unit (inkluż fl-Irlanda ta' Fuq) mis-Civil Jurisdictions and Judgments (Maintenance) Regulations (SI 2011/1484) [ir-Regolament Nru 1484 tal-2011 dwar il-Ġurisdizzjoni u s-Sentenzi Ċivili (obbligi ta' manteniment)].

20 L-Artikolu 4(1A) tal-Magistrates' Courts (Civil Jurisdiction and Judgments Act 1982) Rules (Northern Ireland) 1986 (ir-Regolament tal-1986 tal-Qrati tal-Maġistrati (il-Liġi tal-1982 dwar il-Ġurisdizzjoni u s-Sentenzi Ċivili tal-Irlanda ta' Fuq)], jipprovdi:

"Fejn ir-reġistratur tal-Magistrates' Court for the Petty Sessions (il-Qorti tas-Sessjonijiet Żgħar) jirċievi applikazzjoni skont l-Artikolu 26 tar-[Regolament Nru 4/2009] għar-reġistrazzjoni, bil-għan tal-eżekuzzjoni tagħha, ta' deċiżjoni ta' manteniment magħmula fi Stat tar-Regolament għajr ir-Renju Unit huwa għandu, suġġett għall-Artikolu 24 tal-imsemmi regolament u għall-paragrafi 3 u 4 ta' din ir-regola, jara li [din id-deċiżjoni] tiġi rreġistrata fl-imsemmija qorti permezz ta' minuta jew memorandum imdaħħlin u ffirmati minnu fir-Reġistru tal-Ordnijiet fil-forma ta' proċess verbali jew ta' nota ffirmati."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

21 TKF u AKF, it-tnejn ċittadini Pollakki, iżżewġu fil-Polonja fl-1991. Huma kellhom żewġ subien.

22 Fl-1 ta' April 1999, qorti Pollakka tat deċiżjoni ta' manteniment favur AKF kontra TKF.

23 Fix-xahar ta' Diċembru 2002, inbdew proċeduri ta' manteniment ġodda quddiem qorti Pollakka. Dawn il-proċeduri wasslu għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet ġodda ta' manteniment, tal-14 ta' Frar 2003, li emendaw id-deċiżjoni inizjali.

24 TKF u AKF iddivorzjaw fl-2004. Fix-xahar ta' Awwissu 2006, TKF wasal l-Irlanda ta' Fuq, fejn ilu jgħix sa minn dakinhar.

25 Permezz ta' deċiżjonijiet tal-24 ta' Ottubru 2013 u tal-15 ta' Awwissu 2014 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjonijiet biex issir ir-reġistrazzjoni"), reġistratur tal-Magistrates' Court for the Petty Sessions District of Belfast and Newtownabbey (il-Qorti tal-Maġistrati tad-Distrett ta' Belfast u Newtownabbey, ir-Renju Unit) irreġistra u ddikjara eżegwibbli ż-żewġ deċiżjonijiet ta' manteniment mogħtija mill-qorti Pollakka fl-14 ta' Frar 2003. Id-deċiżjonijiet biex issir ir-reġistrazzjoni ttieħdu skont l-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 4/2009. Dawn tal-aħħar jindikaw ukoll li d-deċiżjonijiet hekk irreġistrati huma eżegwibbli għall-finijiet tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV tal-istess regolament.

26 TFK ikkontesta d-deċiżjonijiet biex issir ir-reġistrazzjoni quddiem il-High Court of Justice in Northern Ireland, Queen's Bench Division (il-Qorti Għolja tal-Ġustizzja tal-Irlanda ta' Fuq, Sezzjoni tal-Queen's Bench, ir-Renju Unit). Insostenn ta' din l-azzjoni, huwa sostna, essenzjalment, li peress li r-Repubblika tal-Polonja ma kinitx Stat Membru fil-mument meta ngħataw id-deċiżjonijiet ta' manteniment inkwistjoni, it-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV ta' dan ir-regolament ma kinitx applikabbli f'dan il-każ. Huwa argumenta wkoll li l-Artikoli 23 u 26 tal-imsemmi regolament ma kinux japplikaw għall-imsemmija deċiżjonijiet u li, fi kwalunkwe każ, dawn id-deċiżjonijiet ma kinux jikkonformaw mal-Artikolu 24 tal-istess regolament, inkwantu ma kien hemm l-ebda prova li TFK kien jaf bil-proċeduri inkwistjoni, u lanqas li huwa kien attenda għalihom jew kien irrappreżentat fihom.

27 Din l-azzjoni ġiet miċħuda mill-High Court of Justice in Northern Ireland, Queen's Bench Division (il-Qorti Għolja tal-Ġustizzja tal-Irlanda ta' Fuq, Sezzjoni tal-Queen's Bench) għar-raġuni li r-Regolament Nru 4/2009 ma fih l-ebda dispożizzjoni li tillimita l-kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* tiegħu għal deċiżjonijiet ta' manteniment mogħtija minn qorti ta' Stat Membru wara d-data tal-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni. Barra minn hekk, skont dik il-qorti, jekk l-Artikolu 75(2) tar-Regolament Nru 4/2009 ma kienx japplika, ladarba l-Polonja hija Stat li huwa parti għall-Protokoll ta' Den Haag, il-Kapitolu VII ta' dan ir-regolament kien japplika f'dan il-każ, u dan bis-saħħa tal-Artikolu 75(3). L-imsemmija qorti għaldaqstant iddeċidiet li d-deċiżjonijiet tal-qorti Pollakka kienu, konformement ma' dan il-kapitolu, ġew irreġistrati u eżegwiti kif suppost.

28 TFK appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju, li għandha dubji dwar l-applikabbiltà tar-Regolament Nru 4/2009 għal deċiżjonijiet f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment mogħtija fil-Polonja qabel l-adeżjoni ta' dan l-Istat Membru mal-Unjoni u jekk il-Magistrates' Court for the Petty Sessions District of Belfast and Newtownabbey (il-Qorti tal-Maġistrati tad-Distrett ta' Belfast u Newtownabbey) kellhiex ġurisdizzjoni biex tirreġistra d-deċiżjonijiet rilevanti taħt xi dispożizzjoni tal-Artikolu 75 ta' dan ir-regolament.

29 F'dawn il-kundizzjonijiet, il-Court of Appeal in Northern Ireland (il-Qorti tal-Appell tal-Irlanda ta' Fuq, ir-Renju Unit), iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 75(2) tar-[Regolament Nru 4/2009] għandu jiġi interpretat bħala li japplika biss għad-'deċiżjonijiet' li ngħataw fl-Istati li kienu Stati Membri tal-Unjoni meta ttieħdu dawn id-deċiżjonijiet?

2) Meta jitqies li [r-Repubblika tal-]Polonja bħalissa hija Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li huwa marbut bil-Protokoll ta' Den Haagen, deċiżjonijiet ta' manteniment meħuda minn qorti fil-Polonja fl-1999 u fl-2003, jiġifieri qabel ma [r-Repubblika tal-]Polonja saret Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, jistgħu jkunu rreġistrati u infurzati fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni skont kwalunkwe parti tar-[Regolament Nru 4/2009], u b'mod partikolari:
(a) skont l-Artikolu 75(3) u l-Artikolu 56 tar-[Regolament Nru 4/2009];
(b) skont l-Artikolu 75(2) u t-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV tar-[Regolament Nru 4/2009];
(c) skont l-Artikolu 75(2)(a) u t-Taqsima 3 tal-Kapitolu IV tar-[Regolament Nru 4/2009];
(d) skont xi Artikoli oħra tar-[Regolament Nru 4/2009]?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

30 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 75(2)(a) tar-Regolament Nru 4/2009 għandux jiġi interpretat fis-sens li japplika biss għad-deċiżjonijiet mogħtija mill-qrati nazzjonali fi Stati li kienu diġà membri tal-Unjoni fid-data tal-adozzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet.

31 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, permezz tar-Regolament Nru 4/2009, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jissostitwixxi d-dispożizzjonijiet f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment li jinsabu fir-Regolament Nru 44/2001 b'dispożizzjonijiet li, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-urġenza partikolari marbuta mar-riżoluzzjoni tad-drittijiet għall-manteniment, jissimplifikaw il-proċedura quddiem il-qorti tal-eżekuzzjoni u jirrenduha għalhekk iktar rapida (sentenza tal-4 ta' Ġunju 2020, FX (Oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' dritt għall-manteniment), C-41/19, EU:C:2020:425, punt 32).

32 Kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-Regolament Nru 4/2009 jikkostitwixxi *lex specialis* f'dak li jikkonċerna, b'mod partikolari, il-kwistjonijiet ta' ġurisdizzjoni, ta' liġi applikabbli, ta' rikonoxximent, kif ukoll ta' eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji fil-qasam speċifiku tal-obbligi ta' manteniment (sentenza tal-4 ta' Ġunju 2020, FX (Oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' dritt għall-manteniment), C-41/19, EU:C:2020:425, punt 33).

33 Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-Artikolu 75 ta' dan ir-regolament, intitolat "Dispożizzjonijiet transitorji", fil-paragrafu (1) tiegħu jipprovdi li, bħala regola ġenerali, l-imsemmi regolament japplika biss għall-proċeduri mibdija, għat-tranżazzjonijiet ġudizzjarji approvati jew konklużi, u għall-atti awtentiċi stabbiliti mid-data ta' applikazzjoni tiegħu.

34 Madankollu, b'deroga minn din ir-regola ġenerali, skont il-paragrafu 2 tal-imsemmi Artikolu 75, it-Taqsimiet 2 u 3 tal-Kapitolu IV tar-Regolament Nru 4/2009 japplikaw għal ċerti deċiżjonijiet mogħtija u proċeduri mibdija qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament.

35 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li d-deċiżjonijiet f'materji relatati mal-obbligi ta' manteniment inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li r-reġistrazzjoni u l-eżekuzzjoni tagħhom fir-Renju Unit huma kkontestati, ingħataw fil-Polonja fl-14 ta' Frar 2003, jiġifieri qabel id-data ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 4/2009. Fil-fatt, kif jirriżulta mit-tielet paragrafu tal-Artikolu 76 tiegħu, dan ir-Regolament għandu japplika, ħlief għad-dispożizzjonijiet imsemmijin fit-tieni subparagrafu tal-imsemmi Artikolu 76, mit-18 ta' Ġunju 2011, dment li f'dik id-data l-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 kien applikabbli fl-Unjoni. Issa, skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2009/941, dan il-protokoll kien tabilħaqq applikabbli fl-Unjoni fit-18 ta' Ġunju 2011.

36 Min-naħa l-oħra, dawn id-deċiżjonijiet ġew irreġistrati u ddikjarati eżegwibbli fl-Irlanda ta' Fuq permezz ta' deċiżjonijiet tal-24 ta' Ottubru 2013 u tal-15 ta' Awwissu 2014, b'tali mod li huwa probabbli li r-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni li tikkonstata s-saħħa eżekuttiva tal-imsemmija deċiżjonijiet kienu ntalbu wara d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 4/2009, fatt li, madankollu, għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

37 Skont din l-aħħar riżerva, huwa għaldaqstant il-każ imsemmi fl-Artikolu 75(2)(a) ta' dan ir-regolament li jidher, bħala prinċipju, rilevanti f'dan il-każ, inkwantu jirrigwarda deċiżjonijiet mogħtija fl-Istati Membri qabel id-data ta' applikazzjoni tal-imsemmi regolament li, għalihom, sa minn din id-data jintalbu r-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni li tikkonstata s-saħħa eżekuttiva tagħhom.

38 Madankollu, għandu jitfakkar li r-Repubblika tal-Polonja aderixxiet mal-Unjoni fl-1 ta' Mejju 2004, jiġifieri wara d-data li fiha ngħatat kull waħda mill-imsemmija deċiżjonijiet f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment, iżda qabel il-mument meta ntalbu r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tal-istess deċiżjonijiet.

39 F'dan il-kuntest, għandu, għaldaqstant, jiġi ddeterminat jekk l-Artikolu 75(2)(a) tar-Regolament Nru 4/2009 jistax japplika biss fir-rigward ta' deċiżjonijiet f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment mogħtija fi Stati li kienu diġà membri tal-Unjoni fid-data tal-adozzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet, jew jekk din id-dispożizzjoni tistax tapplika wkoll fir-rigward ta' deċiżjonijiet li ngħataw qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament fi Stat li sar membru tal-Unjoni biss wara l-adozzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet.

40 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet li l-leġiżlazzjoni li minnha hija tagħmel parti tfittex li tilħaq (sentenza tat-12 ta' Novembru 2014, L, C-656/13, EU:C:2014:2364, punt 38).

41 Fir-rigward tal-kliem tal-Artikolu 75(2)(a) tar-Regolament Nru 4/2009, għandu jiġi rrilevat li dan jirreferi għal deċiżjonijiet "mogħtija fl-Istati Membri".

42 Barra minn hekk, skont l-ewwel sentenza tal-punt 1 tal-Artikolu 2(1) tal-imsemmi regolament, "deċiżjoni" għandha tfisser deċiżjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment mogħtija minn qorti "ta' Stat Membru".

43 Madankollu, kif osservat il-Kummissjoni, il-kliem ikkombinat ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet ma jippermettix, waħdu, li jitqies li deċiżjoni, fis-sens tal-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet, għandha tkun ingħatat minn qorti ta' Stat li, fid-data tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, kien diġà membru tal-Unjoni. Fil-fatt, għalkemm minn tali formulazzjonijiet jirriżulta li huwa indispensabbli li, fil-mument meta jitwettaq ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni, jista' jiġi kkonstatat li tali

deċiżjoni toriġina minn Stat li f'dak il-mument għandu l-kwalità ta' Stat Membru tal-Unjoni, l-imsemmija formulazzjonijiet ma jimplikawx, min-naħa l-oħra, li tali kwalità għandha neċessarjament tkun eżistiet fid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkonċernata.

44 Għandu wkoll jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest li fih jinsab l-Artikolu 75(2)(a) tar-Regolament Nru 4/2009 u l-għanijiet segwiti mil-leġiżlazzjoni li minnha jagħmel parti.

45 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li mill-premessa 44 tar-Regolament Nru 4/2009 jirriżulta li d-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-Artikolu 75 ta' dan ir-regolament huma intiżi li jiżguraw it-tranżizzjoni bejn is-sistema prevista mir-Regolament Nru 44/2001 f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment u s-sistema prevista mir-Regolament Nru 4/2009, billi b'hekk ikunu permessi r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji mogħtija taħt ir-Regolament Nru 44/2001.

46 Barra minn hekk, mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 75(2) tar-Regolament Nru 4/2009 jirriżulta li l-Artikolu 75(2)(a) ta' dan ir-regolament japplika biss bil-kundizzjoni li, għall-finijiet tar-rikonoxximent u tal-eżekuzzjoni tagħhom, id-deċiżjonijiet li huwa jkopri jkunu jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 44/2001.

47 Issa, għandu jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-Artikolu 66(1) tar-Regolament Nru 44/2001, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament huma applikabbli biss għall-azzjonijiet ġudizzjarji mibdija wara d-dħul fis-seħħ tiegħu. Dan il-prinċipju huwa intiż li jirregola kemm il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji (sentenza tat-21 ta' Ġunju 2012, Wolf Naturprodukte, C-514/10, EU:C:2012:367, punt 21).

48 L-Artikolu 66(2)(a) tar-Regolament Nru 44/2001 madankollu jipprovdi li, b'deroga minn dan il-prinċipju, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament dwar ir-rikonoxximent u dwar l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji huma applikabbli għad-deċiżjonijiet mogħtija wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament wara proċeduri ġudizzjarji mibdija fl-Istat Membru ta' oriġini qabel dik id-data jekk kemm il-darba l-azzjoni tkun ingħatat bidu wara d-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni ta' Brussell dwar il-Ġurisdizzjoni u Eżekuzzjoni tas-Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali jew tal-Konvenzjoni ta' Lugano dwar il-Ġurisdizzjoni u l-Eżekuzzjoni tas-Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Lugano") kemm fl-Istat Membru ta' oriġini u kif ukoll fl-Istat Membru rikjest.

49 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, sabiex tkun fondata l-applikabbiltà tar-Regolament Nru 44/2001 għall-finijiet tar-rikonoxximent u tal-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ġudizzjarja, huwa neċessarju li, fid-data tal-għoti ta' din id-deċiżjoni, dan ir-regolament ikun daħal fis-seħħ kemm fl-Istat Membru ta' oriġini, jiġifieri l-Istat li fih ingħatat id-deċiżjoni ġudizzjarja, kif ukoll fl-Istat Membru rikjest, jiġifieri dak li fih jintalbu r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2012, Wolf Naturprodukte, C-514/10, EU:C:2012:367, punt 34).

50 Minn dan isegwi li deċiżjonijiet f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment li ngħataw minn qorti ta' Stat li, fid-data tal-adozzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet, kien għadu ma huwiex membru tal-Unjoni u li, għaldaqstant, ir-Regolament Nru 44/2001 kien għadu ma daħalx fis-seħħ fih, ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament.

51 F'tali ipoteżi, huwa irrilevanti l-punt dwar jekk l-azzjonijiet ġudizzjarji li wasslu għall-adozzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet inbdewx wara d-dħul fis-seħħ, fl-Istat ikkonċernat, tal-Konvenzjoni ta' Lugano, sa fejn, fid-data li fiha ngħataw l-imsemmija deċiżjonijiet, ir-Regolament Nru 44/2001 kien għadu ma daħalx fis-seħħ f'dak l-Istat.

52 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, tali deċiżjonijiet lanqas ma jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjoni tranżitorja tal-Artikolu 75(2)(a) tar-Regolament Nru 4/2009.

53 Sa fejn deċiżjonijiet mogħtija fi Stati li ma kinux membri tal-Unjoni ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 44/2001, ma hemmx lok, fil-fatt, li dawn jingħataw il-benefiċċju tad-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 4/2009, intiżi, kif tfakkar fil-punt 45 ta' din is-sentenza, li jiżguraw ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji mogħtija taħt dan l-ewwel regolament.

54 Fl-aħħar nett, tali interpretazzjoni tal-Artikolu 75(2)(a) tar-Regolament Nru 4/2009 hija wkoll konformi mal-prinċipju li regola, bħall-imsemmija dispożizzjoni, kif ġie kkonstatat fil-punt 34 ta' din is-sentenza, li tidderoga minn regola ġenerali għandha tiġi interpretata b'mod restrittiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2007, Granberg, C-330/05, EU:C:2007:679, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

55 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 75(2)(a) tar-Regolament Nru 4/2009 għandu jiġi interpretat fis-sens li japplika biss għad-deċiżjonijiet mogħtija mill-qrati nazzjonali fi Stati li kienu diġà membri tal-Unjoni fid-data tal-adozzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet.

Fuq it-tieni domanda

56 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ir-Regolament Nru 4/2009 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-Artikolu 75 tiegħu jew kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan ir-regolament jippermettix li deċiżjonijiet f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment, mogħtija fi Stat qabel l-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni u qabel id-data ta' applikazzjoni tal-imsemmi regolament, jiġu rrikonoxxuti u eżegwiti, wara l-adeżjoni ta' dan l-Istat mal-Unjoni, fi Stat Membru ieħor.

57 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, kif ġie rrilevat fil-punt 33 ta' din is-sentenza, fil-paragrafu 1 tiegħu l-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 4/2009 jipprevedi li, bħala regola ġenerali, l-imsemmi regolament japplika biss għall-proċeduri mibdija, għat-tranżazzjonijiet ġudizzjarji approvati jew konklużi u għall-atti awtentiċi stabbiliti sa mid-data tal-applikazzjoni.

58 Barra minn hekk, l-uniċi derogi għal din ir-regola ġew previsti espressament mil-leġiżlatur tal-Unjoni fl-Artikolu 75(2) u (3) tar-Regolament Nru 4/2009.

59 Fir-rigward tad-deroga msemmija fl-Artikolu 75(2)(a) ta' dan ir-regolament, mir-risposta mogħtija għall-ewwel domanda madankollu jirriżulta li din id-deroga hija applikabbli biss għad-deċiżjonijiet mogħtija fi Stati li, fid-data tal-għoti tagħhom, kienu diġà membri tal-Unjoni. Issa, dan ma huwiex il-każ tad-deċiżjonijiet f'materji relatati mal-obbligi ta' manteniment inkwistjoni fil-kawża prinċipali, mogħtija fl-14 ta' Frar 2003 fil-Polonja, Stat li ssieħeb fl-Unjoni biss fl-1 ta' Mejju 2004. Għaldaqstant, din id-dispożizzjoni ma tistax tiġġustifika r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni, fi Stat Membru ieħor, ta' tali deċiżjonijiet.

60 Fir-rigward tad-deroga li tinsab fl-Artikolu 75(2)(b) tar-Regolament Nru 4/2009, din tirrigwarda d-deċiżjonijiet mogħtija mid-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament b'segwitu għal proċeduri mibdija qabel din id-data. Għalhekk, lanqas din ma jidher li hija applikabbli fil-kawża prinċipali, peress li, kif jirriżulta mill-punt 35 ta' din is-sentenza, id-deċiżjonijiet f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment inkwistjoni fil-kawża prinċipali f'din il-kawża ngħataw qabel id-data ta' applikazzjoni tal-imsemmi regolament.

61 Barra minn hekk, kif ġie rrilevat fil-punt 46 ta' din is-sentenza, mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 75(2) tar-Regolament Nru 4/2009 jirriżulta li dan is-subparagrafu japplika biss bil-kundizzjoni li d-deċiżjonijiet li huwa jsemmi jkunu jaqgħu, għall-finijiet tar-rikonoxximent u tal-eżekuzzjoni, fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 44/2001.

62 Issa, ir-Regolament Nru 44/2001 daħal fis-seħħ fil-Polonja fl-1 ta' Mejju 2004.

63 Minn dan isegwi, kif jirriżulta mill-punt 50 ta' din is-sentenza, li d-deċiżjonijiet f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament u, għaldaqstant, kif jirriżulta mill-punt 60 ta' din is-sentenza, lanqas ma jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 75(2) tar-Regolament Nru 4/2009.

64 F'dan ir-rigward, il-fatt invokat mill-Gvern Pollakk fl-osservazzjonijiet orali tiegħu, fir-rigward tal-Artikolu 66(2)(a) tar-Regolament Nru 44/2001, li l-Konvenzjoni ta' Lugano daħlet fis-seħħ fil-Polonja fl-1 ta' Frar 2000 ma jistax, kif jirriżulta mill-punt 51 ta' din is-sentenza, jikkontesta tali interpretazzjoni.

65 F'dak li jirrigwarda l-Artikolu 75(3) tar-Regolament Nru 4/2009, dan jippreċiża li l-Kapitolu VII ta' dan ir-regolament dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali japplika għat-talbiet u għall-applikazzjonijiet irċevuti mill-awtorità ċentrali mid-data ta' applikazzjoni tal-imsemmi regolament.

66 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li mill-premessa 31 tar-Regolament Nru 4/2009 jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jistabbilixxi kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru transkonfinali ta' drittijiet għall-manteniment u sabiex tingħata assistenza lill-kredituri u lid-debituri ta' manteniment sabiex jasserixxu d-drittijiet tagħhom fi Stat Membru ieħor (sentenza tad-9 ta' Frar 2017, S., C-283/16, EU:C:2017:104, punt 35).

67 B'mod iktar partikolari, skont l-Artikolu 51(1) tal-imsemmi regolament, dawn l-awtoritajiet għandhom jipprovdu assistenza rigward l-applikazzjonijiet previsti fl-Artikolu 56 tiegħu, billi jittrażmettu u jirċievu dawn l-applikazzjonijiet kif ukoll billi jagħtu bidu jew jiffaċilitaw l-istituzzjoni ta' proċedimenti fir-rigward tal-imsemmi applikazzjonijiet.

68 Skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu 56, kreditur li jipprova jirkupra manteniment skont ir-Regolament Nru 4/2009 jista' għalhekk jippreżenta diversi tipi ta' applikazzjonijiet, jiġifieri, essenzjalment, applikazzjoni għall-finijiet tar-rikonoxximent u/jew tad-dikjarazzjoni li tikkonstata s-saħħa eżekuttiva ta' sentenza, applikazzjoni għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni mogħtija jew irrikonoxxuta fl-Istat Membru rikjest, applikazzjoni intiża għall-kisba ta' deċiżjoni fl-Istat Membru rikjest jew ukoll applikazzjoni intiża sabiex tinkiseb l-emenda ta' deċiżjoni. F'dan il-każ, il-kreditur għandu jindirizza, skont l-Artikolu 55 ta' dan ir-regolament, lill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru fejn huwa jirrisjedi, liema awtorità għandha tittrażmettiha lill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru rikjest.

69 Fir-rigward tad-debitur, huwa jista', skont l-Artikolu 56(2) tar-Regolament Nru 4/2009, jitlob ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni li tissospendi jew tirrestrinġi l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni preċedenti jew titlob il-modifika ta' deċiżjoni.

70 Mid-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punti 66 sa 68 ta' din is-sentenza, li jinsabu fil-Kapitolu VII tar-Regolament Nru 4/2009, jirriżulta li r-rwol tal-awtoritajiet ċentrali huwa limitat f'dan ir-rigward, madankollu, sabiex jagħtu assistenza lill-kreditur ta' manteniment jew lid-debitur li jitlobha għall-finijiet tat-trażmissjoni jew għar-riċezzjoni tal-applikazzjonijiet tagħhom jew għat-tressiq ta' proċeduri relatati ma' dawn l-applikazzjonijiet, skont l-Artikolu 56 ta' dan ir-regolament.

71 Min-naħa l-oħra, l-imsemmija dispożizzjonijiet ma jikkonċernawx il-kundizzjonijiet ta' rikonoxximent jew ta' eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment, li jaqgħu esklużivament taħt il-Kapitolu IV tal-imsemmi regolament, intitolat "Rikonoxximent, Eżekutorjetà u Eżekuzzjoni ta' Deċiżjonijiet", li għalih jirreferi l-paragrafu 2 tal-Artikolu 75 tal-istess regolament u mhux il-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu.

72 Konsegwentement, deċiżjonijiet f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, mogħtija fi Stat qabel l-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni u qabel id-data ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 4/2009 ma jistgħux jiġu rrikonoxxuti u eżegwiti, wara l-adeżjoni ta' dan l-Istat mal-Unjoni, fi Stat Membru ieħor, skont l-Artikolu 75(3) ta' dan ir-regolament.

73 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkunsidrat li t-talba għal assistenza quddiem l-awtoritajiet ċentrali, skont id-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Kapitolu VII tar-Regolament Nru 4/2009, tikkostitwixxi dritt u mhux obbligu. Għaldaqstant, tali talba hija fakultattiva u tapplika biss jekk il-kreditur ta' manteniment ikun jixtieq jeżerċita dan id-dritt, pereżempju biex jegħleb ċerti diffikultajiet partikolari, bħall-post fejn jinsab id-debitur tal-manteniment (sentenza tad-9 ta' Frar 2017, S., C-283/16, EU:C:2017:104, punt 40).

74 Issa, hekk kif sostna l-Avukat Ġenerali fil-punt 47 tal-konklużjonijiet tiegħu, jekk jiġi aċċettat li r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni mogħtija minn qorti ta' Stat qabel l-adeżjoni ta' dan l-Istat mal-Unjoni jista' jiddependi milli wieħed jirrikorri jew le għar-rimedji differenti li l-Kapitolu VII joffri lill-kreditur sabiex jeżegwixxi deċiżjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment, dan ikun joħloq diskriminazzjoni bejn il-krediturи li jagħżlu li jressqu l-applikazzjoni tagħhom permezz tal-awtoritajiet ċentrali u dawk li jiddeċiedu li jadixxu direttament lill-awtoritajiet kompetenti.

75 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li r-Regolament Nru 4/2009 għandu jiġi interpretat fis-sens li ebda dispożizzjoni ta' dan ir-regolament ma tippermetti li deċiżjonijiet f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment, mogħtija fi Stat qabel l-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni u qabel id-data ta' applikazzjoni tal-imsemmi regolament, jiġu rrikonoxxuti u eżegwiti, wara l-adeżjoni ta' dan l-Istat mal-Unjoni, fi Stat Membru ieħor.

Dwar l-ispejjeż

76 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 75(2)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment għandu jiġi interpretat fis-sens li japplika biss għad-deċiżjonijiet mogħtija mill-qrati nazzjonali fi Stati li kienu diġà membri tal-Unjoni Ewropea fid-data tal-adozzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet.**

2) **Ir-Regolament Nru 4/2009 għandu jiġi interpretat fis-sens li ebda dispożizzjoni ta' dan ir-regolament ma tippermetti li deċiżjonijiet f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment, mogħtija fi Stat qabel l-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni Ewropea u qabel id-data ta' applikazzjoni tal-imsemmi regolament, jiġu rrikonoxxuti u eżegwiti, wara l-adeżjoni ta' dan l-Istat mal-Unjoni, fi Stat Membru ieħor.**

Firem